# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Mejju 2000**

**Numru 73**

**Citaz. numru 1430/95 DS**

Business Marketing Services Limited
vs
Micro Business Computers Limited

Illum, 5 ta' Mejju 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-12 ta' Ottubru 1995 li permezz taghha s-socjeta` attrici wara li ppremettiet illi:

Is-socjeta attrici ghandha tiehu s-somma ta' erba' mija wiehed u hamsin liri u hamsa u disghin centezmi (Lm451.95) minghand is-socjeta' konvenuta ghal xoghol ta' reklamar maghmul fuq inkarigu tal-istess socjeta' konvenuta.

Is-socjeta konvenuta giet interpellata kemm il-darba biex thallas dan l-ammont dovut anki b'ittra interpellatorja u b'ittra ufficjali kif jidher mill-kopji ezebiti mac-citazzjoni.

L-ammont mitlub huwa cert likwidu u dovut u peress li qatt ma gie kontestat u ghalhekk jirrikorru l-elementi kollha biex dina l-kawza tigi trattata bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-Artikolu 167 et seq tal-kap 16, u dana in vista ukoll tal-

affidavit mahlufa mid-direttur tas-socjeta' attrici Lorenza (maghruf bhala Renzo) Mule' Stagno - Dok. D;

talbet lil din il-Qorti:

1. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' erba mija wiehed u hamsin lira u hamsa u disghin centezmi (Lm451.95) dovuta fuq is-socjeta' attrici;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas ukoll l-imghaxijiet legali fuq l-istess somma b'effett mit-13 ta' Settembru 1995 data tal-ittra ufficjali spedita lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-5 ta' Awissu 1995 u tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Settembru 1995, kontra is-socjeta' konvenuta li hija minn issa ingunta in subizzjoni fil-persuna ta' Joseph M. Said bhala direttur taghha.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta fejn qalet:

1. illi t-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi hija ma esegwitx il-kuntratt de quo bejn il-kontendenti bil-bona fidi (art. 993 kap 16).

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta fejn wara li ppremettiet illi:

is-socjeta attrici tiddisinja, tipproduci u tippublika l-magazine "Personal Computing & Technology".

Is-socjeta' konvenuta inkarigat lis-socjeta' attrici sabiex iggibilha reklam fl-ahhar pagna tal-harga ta' Gunju 1995 ta' l-imsemmi magazine "Personal Computing &Technology" u ghal dan il-ghan ghaddietilha, fost affarijiet ohra, ritratti li riedet li jidhru f'dan ir-reklam.

is-socjeta' konvenuta wzat ritratt minnhom (li gie wzat ukoll fir-reklam tas-socjeta' konvenuta fl-ahhar pagna kif fuq

inghad) f'reklam tas-socjeta' PcPlus Services Ltd. (li hija socjeta' kompetitrici tas-socjeta' konvenuta) f'pagna 14 ta' l-istess harga ta' l-imsemmi magazine "Personal Computing & Technology).

dan l-agir abbusiv u illegali da parti tas-socjeta' attrici ikkaguna danni lis-socjeta' konvenuta kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

talbet lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, li:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' attrici ma kellha l-ebda dritt (kif ghamlet) tuza ritratt mghoddi lilha mis-socjeta' konvenuta sabiex jidher f'reklam ta' l-istess socjeta' konvenuta fil-magazine tas-socjeta' attrici "Personal Computing & Technology) f'reklam ta' socjeta' kompetittrici tas-socjeta' konvenuta fl-istess harga ta' l-istess magazine u li per konsegwenza ta' dan is-socjeta' konvenuta sofriet danni li ghalihom trid taghmel tajjeb is-socjeta' attrici;

2. tillikwida dawn id-danni okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi; u

3. tikkundanna lis-socjeta' attrici thallas lis-socjeta' konvenuta din is-somma hekk likwidata in linea ta' danni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment, u bl-imghax legali kontra s-socjeta' attrici. Il-persuna jew persuni li jirrapresentawha f'proceduri gudizzjarji huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici ghall-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta fejn qalet:

1. illi t-talbiet tas-socjeta' konvenuta huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li s-socjeta' eccipjenti ma ghamel xejn abuziv jew illegali billi uzat jew ippermettiet li jintuza minn haddiehor ritratt ta' computer li kumbinazzjoni timporta bhalhom is-socjeta' konvenuta.

2. Illi anke kieku s-socjeta' konvenuta ma soffriet l-ebda danni - semai dana kien reklam iehor "gratis".

3. illi azzjoni simili hija kompetenti biss lill *copyright owner* tar-ritratt u fil-konfront tal-*advertiser* l-iehor, u mhux fil-konfront tas-socjeta' eccipjenti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

M'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li s-socjeta` konvenuta inkarigat lis-socjeta` attrici biex taghmlilha xoghol ta' reklamar ghall-magazine "Personal Computing and Technology" li huwa prodott u ppubblikat mill-istess socjeta` attrici. Il-kontestazzjoni tas-socjeta` konvenuta tirrigwarda ritratt li ntuza ghar-reklam taghhom li jinsab fl-ahhar faccata ta' dan il-magazine u li juri mudell ta' computer importat minnhom, u li ntuza f'reklam iehor fl-istess harga tal-magazine izda ta' socjeta` kompetitrici. Is-socjeta` konvenuta allegat li b'dan l-agir is-socjeta` attrici ma wettqitx il-kuntratt *de quo* bejn il-kontendenti bil-bona fidi u inoltre li sofriet danni ghax kien hemm klijenti li xtraw prodotti minghand is-socjeta` kompetitrici taghha.

Nonostante li din ic-citazzjoni gietipprezentata ftit aktar minn erba' snin u nofs ilu, l-unika xiehda hija dik ta' Lorenzo Mule` Stagno, direttur tas-socjeta` attrici permezz ta' affidavit. Inoltre l-istess socjeta` attrici esebiet diversi dokumenti filwaqt li s-socjeta` konvenuta llimitat ruhha li tipprezenta kopja tal-harga tal-magazine in kwistjoni.

Lorenzo Mule` Stagno qal li f'Jannar 1995 is-socjeta` konvenuta ordnat is-servizz imsejjah "INFOLINE" li jikkonsisti f'servizz forma ta' *subscription* li permezz tieghu l-klijent jircievi informazzjoni kummercjali bil-*fax* darba fil-gimgha ghal sena. Ghal dan is-servizz li nghata lis-socjeta' konvenuta nhareg *invoice* numru 588 ghal Lm55.20 li qatt ma thallas mis-socjeta` konvenuta (Dok. AD esebit mis-socjeta` attrici b'nota tal-21 ta' Novembru 1995). Dan l-ammont ghalhekk jifforma parti mill-mertu ta' din il-kawza.

Il-Qorti tosserva li dwar dan is-servizz is-socjeta` konvenuta ma jidher li kkontestat xejn.

Lorenzo Mule` Stagno mbaghad kompla jghid li f'Marzu 1995, Joe Said ghas-socjeta` konvenuta ordna l-iddizinjar ta' reklam bil-kulur ghall-pagna ta' wara tal-magazine imsemmi ghal erba' hargiet konsekuttivi. Probabilment ircevew xi *brochures* tal-*manufacturer* minghand is-socjeta` konvenuta izda ma setax ighid b'ezattezza peress li l-kuntratt sar ma' direttur iehor li m'ghadux fil-kumpanija. Huma ddizinjaw ir-reklam u ghamlu l-*colour separations*. Il-ftehim kien li jithallsu 50% bhala depozitu u l-bilanc mal-pubblikazzjoni, izda s-socjeta` konvenuta ma hallset xejn. Ir-reklam deher l-ewwel darba fil-harga numru 2 tal-*magazine* u nhareg invoice numru 633 ghal Lm212.75 (Dok. AE esebit mis-socjeta` attrici bin-nota taghha tal-21 ta' Novembru 1995) li jinkludi l-*creation*, il-*colour separation* u r-reklam li fuqu kien hemm *discount* ta' Lm30. Dan l-ammont baqa' ma thallasx.

Kienu jitolbu l-pagament tal-*invoices* li nhargu u ghalkemm qatt ma kien hemm ilmenti da parti tas-socjeta` konvenuta u r-risposti kienu fis-sens li ser thallas, ma ntbaghat l-ebda pagament.

Ir-reklam rega' deher fil-harga numru 3 tal-*magazine* u s-socjeta` konvenuta nghatat ukoll tliet kwarti ta' pagna *"Company in Focus"* gratis (pagna 18 tal-*magazine* Dok. A esebit mis-socjeta` konvenuta stess). Inhareg imbaghad *invoice* numru 801 ghal Lm184 (Dok. AF esebit mis-socjeta` attrici bin-nota taghha tal-21 ta' Novembru 1995) li wkoll ma thallasx.

Fl-istess harga numru 3 deher reklam tas-socjeta` Pc Plus Servives Ltd li gie dizinjat minn wiehed mill-i*staff* taghhom li m'ghadux jahdem mas-socjeta` attrici u ghalhekk ma setax jikkonferma jekk ir-ritratt uzat fir-reklam ta' din is-socjeta` giex ghandhom minghand is-socjeta` konvenuta jew le. Peress li fir-reklam tal-Pc Plus Services Ltd il-*logo* mhuwiex identifikabbli peress li r-*reproduction* mhix tajba hafna u ghax huwa *black and white* ma nduna hadd mis-socjeta` attrici li kien intuza l-istess *image* fiz-zewg reklami. Kieku l-*logo* tal-*computer* kien jidher, ma kienx jigi pubblikat ghax

il-Pc Plus Services Ltd kienu tawhom struzzjonijiet fis-sens li m’ghandux jidher il-*logo* tal-*computer* biex ma jaghtux reklam b’xejn lil terzi.

Xi zmien wara li giet pubblikata l-harga numru 3, cempillu certu James Enfonde ta’ Pc Plus Services Ltd biex ighidlu li kien cempillu Joe Said mis-socjeta` konvenuta biex isaqsieh ghaliex kien hemm ritratt ta’ *computer* importat minnu fir-reklam ta’ Pc Plus Services Ltd. Din kienet l-ewwel darba li nduna li kien intuza l-istess *image*. James Enfonde qallu wkoll li kien cempillu xi hadd anonimu biex jitlob *computer* tad-ditta MBC u jirridikolalu r-reklam li kien deher fil-*magazine*. Wara ftit dil-persuna anonima qaltlu li hi timporta l-*computers* MBC.

Dakinhar stess cempillu Joe Said u saqsieh ghaliex kien deher ir-ritratt ta’ *computer* tas-socjeta` konvenuta fir-reklam tas-socjeta` l-ohra. Huwa wiegeb lil Said li kellu jara x’gara u jekk sar zball dan kien genwin. Said kompla jghidlu li dan l-izball qed jaghmillu l-hsara ghax nies li jkunu jridu jixtru MBC *computer* jistghu jispiccaw ghand Pc Plus Services Ltd. Ix-xhud qal li offra li johorgu stqarrija fil-harga li kienet tmiss biex jekk forsi kien hemm xi hadd li seta` fehem hekk, dan issa jigi dirett lis-socjeta` konvenuta. Qallu wkoll li jekk kien hemm xi hadd li saritlu l-hsara kien proprju l-Pc Plus Services Ltd peress li kienet halset ta’ reklam ta’ *computer* importat mis-socjeta` konvenuta – ghalkemm il-*logo* ma kenitx tidher cara. U jekk dik is-socjeta` ma kellhiex *computers* MBC ovvjament ma setghux ibighu minnhom. James Enfonde ta’ Pc Plus Services Ltd ikkonfermalu wkoll li hadd qatt ma mar ghandu jitlob *computer* tal-marka MBC.

Ix-xhud ikkonkluda li kif kien qed ikellem lil Joe Said saqsieh fuq l-*invoices* 588 u 633 jekk kienx hemm problema dwarhom u dan wiegbu li ma kienx hemm u ser ighaddi l-ghada b’cekk. Izda ma sar l-ebda pagament.

It-total li qed tippretendi s-socjeta` attrici hija ghalhekk ta’ Lm451.95.

Kif diga` gie osservat, is-socjeta` konvenuta ma ressqet l-ebda prova. Ix-xiehda ta’ Lorenzo Mule` Stagno b’hekk ma gietx kontradetta. Is-socjeta` konvenuta allegat li s-socjeta`

attrici naqqset milli tesegwixxi l-kuntratt bil-bona fidi u li sofriet danni. Fuq l-ebda allegazzjoni ma tirrizulta l-icken prova. M'hemm l-ebda prova ta' nuqqas ta' bona fidi. M'hemm l-ebda prova li s-socjeta` konvenuta sofriet danni. Anzi ghall-kuntrarju mix-xiehda ta' Lorenzo Mule` Stagno jidher li kien sar zball genwin, li ttiehed f'harga wahda biss u li ma rrizultalux li s-socjeta` konvenuta kienet sofriet xi danni. Inoltre jidher li s-socjeta` konvenuta weghdet il-pagament diversi drabi. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonjiet tas-socjeta` konvenuta, tichad ukoll il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' Lm451.95. Bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

Onor. Imhallef David Scicluna

D/Registratur